**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 877/2015 AF**

**Mapfre Middleasea plc (C-5553) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Conrad Galea sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Conrad Galea**

**vs**

**Jeffrey Psaila u**

**Untours Insurance Agents Limited (C-5655) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà assikuratrici estera Qatar Insurance Company (QIC) International LLC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti Mapfre Middlesea plc li ġie ppreżentat fit-18 ta' Settembru 2015, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Fid-dsatax ta' Frar 2015 fi Triq l-Imtarfa, l-Imgarr sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CGV 057 tal-ghamla Isuzu tat-tip Trooper misjuqa mill-intimat

Jeffrey Psaila u assigurata mas-socjetà assiguratrici intimate, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OOM 003 tal-ghamla BMW tat-tip M3 misjuqa minn u proprjetà tal-assikurat tas-socjetà rikorrenti, ir-rikorrenti Conrad Galea. Kopja tat-Traffic Accident Report tal-kollizzjoni in kwistjoni qed jigi hawn anness u markat Dokument "A".

L-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-intimat Jeffrey Psaila minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess intimat Psaila, meta habat fil-vettura tar-rikorrenti Galea li kienet stazzjonarja fil-mument tal-incident u dana kif ser jigi spjegat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bhala konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura proprjetà tar-rikorrenti Conrad Galea sfat distrutta tant li giet meqjusa bhala constructive total loss u dana skont is-survey report hawn anness u markat Dokument "B".

Id-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal erba u ghoxrin elf u erbghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€24,040.76) liema somma tinkludi l-hlas fl-ammont ta' erba u ghoxrin elf Ewro (24,000)(Dokument "C") li effettwat is-socjetà rikorrenti lill-assikurat taghha Conrad Galea abbazi tal-polza tat-tip comprehensive rapprezentanti l-pre accident value tal-vettura (skond survey report hawn anness u markat Dokument "D") bit-tnaqqis tar-wreck value w is-survey fees li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjetà rikorrenti, kif ukoll l-ammont ta' sittin Ewro (€60) imhallas mir-rikorrenti Conrad Galea bhala policy excess (Dok. "E").

L-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-incident imsemmi, izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Jeffrey Psaila

unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-dsatax (19) ta’ Frar 2015 fi Triq l-Imtarfa, l-Imgarr bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CGV 057 u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OOM 003 tal-ghamla BMW tat-tip M3 u dan minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza diretta tal-istess incident fis-somma ta’ erba u ghoxrin elf u erbghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€24,040.76) jew kwalunkwe somma ohra verjuri li tigi llikwidata minn din l-Onroabbli Qorti okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom in linea ta’ danni l-ammont hekk illikwidat.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li huwa minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Untours Insurance Agents Ltd pro et nomine li ġiet ippreżentata fis-16 ta’ Ottubru 2015 fejn gie eccepit illi:

Preliminarjament ir-rikors guramentat in mertu huwa null ai finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li huwa bbazat fuq surroga li huwa maghmul b’mod ghal kollox irregolari stante li hija kondizzjonata.

Bla pregudizzju ghas-suespost ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti Jeffrey Psaila.

Ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Jeffrey Psaila li ġiet ippreżentata fil-11 ta’ Diċembru 2015 fejn eccepixxa illi:

Preliminarjament ir-rikors guramentat promotur odjern huwa null stante li huwa msejjes fuq surroga irregolari u kkundizzjonata.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-incident in kwistjoni sehh minhabba traskruagni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjent.

It-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ghamel il-claim relattiv mas-socjetà assikuratrici tieghu sabiex, jekk ikun il-kaz, isir il-hlas favur min sofra danni mill-incident in kwistjoni.

Il-pendenza li fadal, se mai, hija biss fil-konfront tas-socjetà Untours Insurance Agents Limited.

Ghalhekk l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji rigward dawn il-proceduri.

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar din l-istess eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Ikkunsidrat illi kif jirriżulta mill-istess okkju tal-kawża, is-soċjetà rikorrenti intavolat din il-kawża:

> "*hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Conrad Galea sija bil-polza u sija bil-liġi*".

L-intimati fir-risposti rispettivi tagħhom eċċipew in-nullità tar-rikors promutur abbażi tal-allegazzjoni li huwa imsejjes fuq

surroga li hija "irregolari" minħabba li hija kondizzjonata.

Skont id-*Discharge Form* (Dok C)[1] ippreżentata mis-soċjetà rikorrenti, wara li Conrad Galea aċċetta s-somma ta' €24,000[2] mingħand is-soċjetà rikorrenti "*in full and final settlement of all claims*" fir-rigward tal-inċident tat-traffiku mertu ta' din il-kawża, huwa kkonferma illi:

> "*In consideration of such payment, I place on record that Middlesea Insurance plc became subrogated to all my rights and remedies in accordance with the laws governing the contract of insurance*."

Issa l-intimati odjerni jidher li qed jippernjaw l-eċċezzjoni preliminari tagħhom proprju fuq paragrafu partikolari fl-istess *Discharge Form* li jaqra hekk:

> *"I, hereby state that I am prepared to refund to Middlesea Insurance plc the amount of €24,000 (twenty four thousand euros) paid by Middlesea Insurance plc in settlement of this claim should any irregularities be established or determined from the investigations carried out or from the results of the court case."*

Giet sollevata għalhekk il-kwistjoni dwar jekk dan il-paragrafu li jinsab fid-Discharge Form jaffettwax is-surroga b'mod li jagħmilha irregolari.

F'materja ta' surroga, din il-qorti diversament preseduta[3] fil-kawża Alfred Ciantar vs Godfrey Camilleri et (deċiża 30 ta' Ġunju 2011) spjegat illi meta soċjetà assiguratriċi tkun għamlet tajjeb għad-danni li hija obbligata tħallas abbażi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, s-surroga fid-drittijiet tal-assigurat tagħha

---

[1] Fol 25, Discharge Form iffirmata minn Conrad Galea fit-8 ta' Mejju 2015

[2] Fol 97, Kopja' ta' ċekk datat 7 ta' Mejju 2015 maħruġ mis-soċjeta` rikorrenti fuq isem Conrad Galea fl-ammont ta' €24,000 (Dok JG3)

[3] Imħallef Mark Chetcuti

sseħħ *ipso iure* abbażi tal-Artikolu 1166(c)[4] tal-Kodiċi Ċivili:

> *"Il-liġi tagħna tikkontempla l-ħlas bis-surroga fl-Artikoli 1164[5] u 1167[6] tal-Kodiċi Ċivili. Is-surroga tista' tkun waħda legali jew konvenzjonali. Illi l-qrati tagħna sostnew illi ġialadarba d-ditta tal-assigurazzjoni għamlet tajjeb għad-danni konsegwenzjali għall-inċident u ħallsithom, kif kienet obbligata li tagħmel skont il-kuntratt tal-assigurazzjoni, allura abbażi tas-subartikolu (c) tal-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili s-surroga ssir 'ipso iure'. (Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri – PA 05.10.1993; Edgar Galea noe vs John Tanti – PA 16.12.1991).*
>
> *Illi għalhekk hekk kif isir il-ħlas mis-soċjetà tal-assigurazzjoni, lill-assigurat abbażi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawżat id-dannu u dana peress lli hekk kif isir dan il-ħlas issir is-surroga 'ipso iure' u kwindi d-drittijiet kollha tal-assigurat, inkuż għalhekk id-dritt tiegħu tal-azzjoni, jgħaddu a favur tal-assigurazzjoni."*

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)[7] fil-kawża fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Ltd noe vs Raymond Azzopardi, deċiża fil-25 ta' Frar 2004 irriteniet illi għall-pożizzjoni ġuridika tagħha is-soċjeta` assikuratriċi ma kinitx meħtieġa "manifestazzjoni tassattiva" tas-surroga abbażi tal-polza, u dan għaliex tali surroga isseħħ "*ipso iure*" ladarba jkun sar il-ħlas:

> *"Huwa paċifikament akkolt illi 'la surrogazione legali si verifica a favour di colui che, essendo obbligato con altri o per altri, al pagamento del debito, l'avesse pagato sia*

---

[4] **Art. 1166(c)**: *"Is-surroga ssir ipso iure favur ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu."*

[5] **Art. 1164**: *"Min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'disposizzjoni tal-liġi."*

[6] **Art. 1167**: *"Is-surroga, sew b' konvenzjoni kemm bis-saħħa tal-liġi, għandha effett sew kontra garanti kemm kontra d-debituri; iżda ma hix ta' ħsara għall-kreditur, jekk dan il-kreditur ikun irċieva biċċa biss mil-ħlas; u, f' dan il-każ, il-kreditur jista' jitlob il-bqija li jkun fadallu jieħu bi preferenza fuq dak li mingħandha jkun ħa biċċa mill-ħlas.*

[7] Imħallef Philip Sciberras

*volontariamente, perche avrà interesse di pagarlo, sia perche egli fosse costretto giudiziariamente a farlo' (**Vol XXII pii p332**).*

*Din is-surrogazzjoni legali hi konċessa lis-soċjeta` assikuratriċi kif hekk insenjat minn bosta awturi, fosthom **Toullier** (Diritto Civile Francese, Vol VI, paġna 88, para 175) li jammetti li 'l'assicuratore come surrogato nei diritti dell'assicurato può esercitare le azioni di costui contro il danneggiante.' Hekk ukoll il-**Vivante** (Trattato di Diritto Commerciale, Vol II, para 1972) isostni illi 'la surrogazione personale dell'assicuratore nei diritti dell'assicurato è una conseguenza naturale del pagamento dell'indennità… il terzo colpevole del sinistro non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui è rimasto estraneo… e perciò deve rispondere del danno verso l'assicuratore che piglia il-posto dell'assicurato.' Ara a propożitu s-sentenza a **Vol XXVII pi p873** li minnha dawn l-insenjamenti dottrinali ġew estratti. Din il-figura ġuridika tas-soċjetà attriċi assiguratriċi qua surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha bl-operat tal-Artikolu 1166(c) baqgħet tiġi sostenuta sa riċenti, kif manifest mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, kolleġġjalment komposta, tat-23 ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Edwin Caruana vs Joseph Gasan et noe'.***

*Dan kollu jfisser illi ma kinitx meħtieġa għas-sostenn tal-pożizzjoni ġuridika tas-soċjetà assikuratriċi manifestazzjoni tassattiva ta' surroga abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni. Dan għaliex, kif ampjament muri, s-surroga tirriżulta 'ipso iure'."*

Fil-kaz in ezami s-soċjetà rikorrenti, ħallset lil Conrad Galea s-somma ta' €24,000 kif kienet obbligata li tagħmel skont il-polza ta' assikurazzjoni P21111391[8]. Kif ingħad, il-ħlas jirriżulta kemm mill-kopja taċ-ċekk, kif ukoll minn dikjarazzjoni tal-istess Conrad Galea f' dan ir-rigward fuq id-*Discharge Form*, fejn qal li kien qed jaċċetta s-somma. Dan huwa biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 1166(c) biex jingħad li mmaterjalizzat surroga legali. Is-surroga legali effettivament seħħet b'effett

[8] Dok JG1, Ċertifikat tal-assikurazzjoni, fol 94

tal-ħlas (abbażi tal-polza) u tal-liġi.

Issa dwar id-dikjarazzjoni ta' Conrad Galea fuq l-istess *Discharge Form* fejn qal li fl-eventwalità li tirriżulta xi irregolarità mill-investigazzjonijiet jew mill-eżitu ta' din il-kawża huwa "ppreparat" li jirrifondi l-ammont ta' €24,000 imħallas lilu mis-soċjeta` rikorrenti, din il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li l-ħlas ta' €24,000 sar taħt kundizzjoni.

Il-ħlas abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni sar b' ċekk datat 7 ta' Mejju 2015. Abbażi ta' tali ħlas is-soċjetà assikuratriċi ġiet *ipso iure* surrogata fid-drittijiet ta' Conrad Galea. Il-fatt li l-għada, 8 ta' Mejju 2015, Conrad Galea iffirma d-*Discharge Form*, fejn fost affarijiet oħra iddikjara li kien ippreparat jirrifondi l-flus f' każ ta' irregolarità, ma tbiddilx il-pożizzjoni tal-istess soċjetà rikorrenti u lanqas ma tirrendi s-surroga "irregolari" kif isostnu l-intimati.

Isegwi għalhekk li s-soċjetà assikuratriċi kellha kull dritt li tintavola l-kawża odjerna, u jsegwi wkoll li r-rikors promutur mhux null, kif isostnu l-intimati.

Għal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari taż-żewġ intimati u tordna li l-kawża titkompla fil-mertu.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari għandhom jiġu sopportati mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG